

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

8.10.2008

0084/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura  
minn Irena Belohorská, Zita Pleštinská, Anna Záborská

dwar id-dijabete u l-obeżità matul it-tqala

Data ta' skadenza: 22.1.2009

**0084/2008**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar id-dijabete u l-obeżità matul it-tqala**

***Il-Parlament Ewropew,***

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - A. billi d-dijabete fit-tqala tinvolvi komplikazzjonijiet għall-fetu, għat-tarbija li tkun għadha kif twieldet u għall-omm,
  - B. billi l-obeżità hija problema ta' saħħa importanti, anke li laħqet proporzjonijiet epidemiċi (fl-UE 20-30% tal-popolazzjoni hija ħoxna żżejjed),
  - C. billi l-obeżità hija responsabbli għaż-żieda fl-inċidenza tat-Tip 2 tad-dijabete mellitus qabel it-tqala, u bla dubju ta' xejn tad-dijabete mellitus waqt it-tqala (10% tal-popolazzjoni tqala u ħoxna żżejjed),
  - D. billi d-dijabete u l-ħxuna żejda fl-ambjent ta' ġo l-utru għandhom effetti fit-tul fuq il-wild (obeżità, dijabete u pressjoni għolja), magħruf bħala l-programmar tal-iżvilupp,
  - E. billi l-mara hija l-aktar sieħba importanti mhux biss fir-riproduzzjoni, iżda wkoll fir-rigward tas-saħħa tal-ġenerazzjoni li jmiss,
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex:
    - i. Jagħtu aktar importanza lid-dijabete u lill-obeżità matul it-tqala,
    - ii. Jinkoraġġixxu lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jippromwovu l-implimentazzjoni ta' pjani nazzjonali biex jiġġieldu d-dijabete u l-obeżità matul it-tqala,
    - iii. Jiżviluppaw strateġija Komunitarja bl-għajnuna tal-Grupp ta' Studju Ewropew tad-Dijabete matul it-tqala għall-prevenzjoni, l-iskrijning u t-ttrattament tad-dijabete matul it-tqala, bla dubju ta' xejn / ċertament fil-grupp ta' nisa ħoxnin ħafna li jinsabu friskju kbir,
    - iv. Jiżviluppaw strateġija Komunitarja biex titnaqqas l-obeżità fin-nisa u fl-adolexxenti u fertili,
    - v. Jiżviluppaw strateġija biex jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni u t-ttrattament mediku,
    - vi. Jinkoraġġixxu riċerka Ewropea dwar il-ftehim tal-iprogrammar tal-iżvilupp fid-dijabete u l-obeżità matul it-tqala,
  2. Jagħtu istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddu din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.